MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 3 (IT-TIENI PARTI)

27 ta' Awwissu 2024

Minuti tal-kontinwazzjoni tas-seduta Nru. 3 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 27 ta' Awwissu 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti -**

1.2. Il-minuti ġew approvati fl-ewwel parti tas-seduta.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1. Il-materji mqajma mill-minuti ġew trattati fl-ewwel parti tas-seduta.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. *Data* dwar persuni anzjani u persuni b'diżabilità (A/1/2/Vol VII)(P/8/1/Vol II)

3.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet dwar il-possibiltà li l-Kunsill ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu *data* dwar in-numru ta' tfal, anzjani, persuni bi bżonnijiet speċjali, u adulti jgħixu fil-Mellieħa. Għal dan il-għan, hija issuġġeriet li l-Kunsill jingaġġa xi entità, jew individwi li jistgħu jgħinu fil-ġbir ta' din l-informazzjoni.

3.1.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li xi ħaġa simili tista' ssir anke permezz ta' studenti universitarji li jkunu qed jagħmlu riċerka relatata, jew inkella jistgħu jiġu kkuntattjati sabiex possibiliment jiffukaw ir-riċerka tagħhom fuq il-lokalità tal-Mellieħa.

3.1.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li xi snin qabel kien sar studju fuq il-Mellieħa mill-Għaqda Soċjali 8 ta' Settembru, u għaldaqstant il-Kunsill għandu jara li jakkwista kopja tiegħu. Huwa qal ukoll li wieħed jista' jirrikorri għall-aħħar ċensiment li kien sar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fl-2021.

### 3.1.5. Belvedere ta' Triq l-Etna / Triq l-Għerien (B/6/Vol VI)

3.1.6. Il-Kunsilliera C. Castillo aċċennat li ġiet avviċinata minn xi residenti li ħadu l-inizjattiva sabiex inaddfu x-xagħra ta' quddiem il-belvedere li hemm fi post imsemmi. Hija staqsiet dwar il-possibiltà li jitwaħħlu xi żewġ bankijiet u *litter bin*.

3.1.7. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

### 4.0. Tqegħid ta' karti

4.1. Il-karti kollha marbuta ma' din is-seduta ġew imressqa fl-ewwel parti tagħha.

### 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Orarju dwar l-użu tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

5.1.2. Il-Kunsillier is-Sur Kurt Buttigieg ippropona li ssir laqgħa mal-għaqdiet sportivi li jużaw il-*multi-purpose court* bil-għan li kull għaqda jkollha ġurnata u ħin allokat għaliha.

5.1.3. Il-Kunsill approva l-inizjattiv.

### 5.2.1. Bini ta' ġwiebi biswit il-Wied Ta' Għajn Żejtuna (S/2/1)

5.2.2. Saret referenza għall-imejl mibgħut mill-Perit J. Attard dwar l-applikazzjoni mill-ġdid sabiex isiru żewġ ġwiebi fi Triq Għajn Żejtuna, kantuniera ma' Triq il-Pont, u oħra ma' Triq il-Qasab. Il-permessi li kien hemm - PA 5501/18 u PA 5478/18 - ma ġewx imġedda abbażi tad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 57 tat-28 ta' Novembru 2023, peress li jkun iktar vijabbli jekk il-Kunsill jibqa' jappoġġja r-rijabilitazzjoni tal-wied billi jipprovdi l-ilma tul il-peress, meta x-xita tkun skarsa. Kien imfakkar li l-istima biex isiru dawn il-ġwiebi tlaħħaq €796,000.

5.2.3. Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni meħuda fis-seduta msemmija.

### 5.3.1. Tismija ta' triq għall-ex-Sindku Joseph Borg (T/4/1/Vol IV)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 58 tas-27 ta' Diċembru 2023, meta kien ġie deċiż li għandha ssir talba lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex il-parti ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida, bejn Triq Edward Camilleri u Triq l-Għorgħar tissemma għall-ewwel Sindku tal-Mellieħa Joseph Borg. Permezz ta' imejl datat l-1 ta' Lulju 2024, il-Kumitat għarraf li ma aċċettax din il-proposta peress li toħloq inkonvenjent lil numru kbir ta' nies minħabba li hija triq twila ħafna. Il-Kumitat issuġġerixxa li jinstab post ieħor fejn jista' jintuża dan l-isem.

5.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li Ġnien l-Għoljiet li jinsab fi Pjazza Thomas Spratt, jista' jissemgħa għall-Joseph Borg mingħajr ma jiġu affettwati ebda indirizzi. Is-Segretarju Eżekuttiv semma Wesgħat in-Narċis, fejn hemm ftit indirizzi, filwaqt li din it-triq tinsab qrib il-post fejn kien joqgħod.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tweġiba u s-suġġerimenti mogħtija, iżda ma indika ebda triq alternattiva.

5.3.4. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsilliera C. Castillo osservat li ma teżisti ebda triq fil-lokalità li hija msemmija għal mara li għamlet ġieħ u/jew tat kontribut lejn il-Mellieħa u l-Manikata. Hija pproponiet li l-Kunsill jieħu dan in konsiderazzjoni fit-tismija tat-toroq.

### 5.4.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti - Mellieħa (K/1/3/Vol II)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Lulju 2024 mibgħut mill-għaqda msemmija, fejn talbu sabiex jużaw is-Sala tal-Kunsill għal laqgħat mal-membri, kif ukoll għal attivitajiet soċjali.

Kien spjegat li din it-talba saret għaliex l-għaqda attwalment m'għandhiex sede, u għaldaqstant qed ikollha tidħol għal spiża konsiderevoli biex tinkera sala għal kull attività li torganizza.

5.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li s-sala tintuża mill-għaqda għal-laqgħat li jkollha mal-membri tagħha matul is-sena, filwaqt li ma qabilx li tintuża wkoll għall-attivitajiet soċjali.

## 5.5.1. PA 4809/24 - Rilokazzjoni tal-istatwa tal-Kunċizzjoni fil-Ponta tal-Aħrax (P/5/8/A)

5.5.2. Saret referenza għal applikazzjoni sottomessa mid-Dipartiment tar-Restawr u Konservazzjoni, li tinvolvi tibdil fil-permess approvat PA/7042/22, dwar ir-rilokazzjoni tal-istatwa f'post ġdid u ż-żamma tal-pedestral oriġinali. Dan sar għaliex inbidel il-post indikat fil-permess imsemmi wara l-iżvilupp ta' xquq fil-blat.

5.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 5.5.1. Ħsara fil-bust ta' Jimmy Muscat (M/9)

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-ħsara li saret fuq il-bust imsemmi. Huwa ppropona li jsir disinn ta' puġġaman madwar il-bust sabiex il-pubbliku jinżamm 'il bogħod minnu u hekk tonqos il-possibiltà li ssir ħsara jew vandaliżmu fuqu.

5.5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa għandu nformazzjoni dan intalaq minn xi tfal li kienu qed jilgħabu bil-ballun.

5.5.4. Minħabba nuqqas ta' spazju, il-Kunsill ma qabilx li l-bust għandu jiġi mdawwar b'puġġaman tal-ħadid, iżda ddeċieda li l-artist għandu jintalab jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

## 5.6.1. Ipparkjar fi Triq il-Knisja l-Qadima (T/3/2/Vol XVII)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Awwissu 2024 fejn operatur ta' ħanut tal-ħelu talab li jitneħħew linji sofor doppji sabiex ikunu jistgħu jipparkjar vetturi biex jgħabbu u jħottu mill-istess ħanut. Bħala alternattiva talab li jingħata spazju fuq in-naħa l-oħra tat-triq biex ikun jista' jgħabbi u jħott. It-talba tkompli tgħid li għalkemm mhemmx ħwienet oħra fl-istess akkwati, jeżisti każ simili fi Triq Snajjin fil-Mellieħa, fejn ħanut tal-merċa ngħata spażju minkejja li mhemmx ħwienet oħra fil-qrib.

5.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-linji sofor saru, peress li t-triq hija dejqa u l-ġirien ilmentaw illi xufiera li jieqfu għand dan il-ħanut qed jipparkaw fuq il-bankina u jkissru l-kaptelli tad-drenaġġ. Minkejja dan huwa qal li ntalbet direzzjoni minn Transport Malta dwar il-linji sofor li saru. Spjega wkoll li l-Kunsill kien alloka spazju fil-każ imsemmi ta' Triq Snajjin, peress li bl-ipparkjar ta' vetturi fuq iż-żewġ naħat tat-triq, kien qed jifdal biss wisa' ta' vettura waħda, bir-riżultat li biex tinħatt il-merkanzija kienet qed tiġi mblukkata l-karreġġjata totalment.

5.6.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ispazju għall-ħatt u tagħbija mhux daqshekk meħtieġ meta wieħed iqis id-daqs u tip ta' oġġetti li jinbiegħu mill-ħanut in kwistjoni. Kien osservat ukoll li l-ipparkjar jista' jsir ftit passi bogħod.

## 5.7.1. Ipparkjar fi Triq Dun Franġisk Sciberras 'l isfel minn Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVII)

5.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal proposta li saret mill-Kunsilliera C. Castillo dwar l-estensjoni tad-*double yellow lines* fi Triq Franġisk Zahra, peress li t-triq tidjieq tant li ma jkunux jistgħu jgħaddu vetturi.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-linji ndikati fil-minuta preċedenti m'għandhomx jitwalu, filwaqt li qabel illi jsiru linji simili fil-bidu tat-taraġ li jagħti lejn Triq Dun Mose' Debono.

## 5.8.1. PC 0046/09 – Inklużżjoni ta’ art biswit Triq Mario de Vasi k/m Triq il-Qortin fl-iskema tal-iżvilupp (P/5/8/M)

5.8.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri aċċenna għal talba li kienet saret minn xi ndividwi, xi snin qabel, sabiex l-art imsemmija tidħol fl-iskema tal-iżvilupp minflok medda ta’ art oħra li tneħħiet mill-iskema fi Triq l-Għar u Casa. Huwa staqsa dwar x’inhi l-pożizzjoni attwali dwar din il-materja.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li f’dan l-istadju ma jsir xejn, iżda kemm-il darba jkun hemm żviluppi fil-futur, għandu jiġi mtenni li l-art in kwistjoni tibqa’ ‘l barra miż-żona tal-iżvilupp.

## 5.9.1. Kontroll fuq il-ħamiem (P/12)

5.9.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri aċċenna li fil-parti urbana l-antika tal-Mellieħa teżisti problema bil-popolazzjoni tal-ħamiem li qed jikkawża nkonvenjent għar-residenti bil-ħmieġ li qed jiġi ġġenerat.

5.9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li madwar sena qabel kien sar stħarriġ tas-suq u rriżulta li kien hemm ditta waħda li rrispondiet. Dawn ikkwota hekk:

- Kiri ta’ 1 sa 3 sistemi - €7.76 kuljum għal kull sistema (VAT inkluża)
- Kiri ta’ 4 sistema jew iktar - €6.21 kuljum għal kull sistema (VAT inkluża)
- Ir-rati mogħtija japplikaw kemm-il darba jkun hemm abbonament għal perjodu minimu ta’ 12-il xahar.

5.9.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li f’laqgħa li saret mal-President tal-Kunsill Reġjonali fis-26 ta’ Awwissu 2024, tħabbar li hemm l-intenzjoni li ssir sejħa kollettiva sabiex jiġi nstallat tagħmir fuq il-bjut li jnaffar il-ħamiem minn żoni urbani. Il-Kunsill Reġjonali qed jiddiskuti wkoll miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward tal-grieden f’postijiet pubbliċi.

5.9.5. Il-Kunsill innota tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Żviluppi fir-rigward tal-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

5.10.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri aċċenna għall-fatt illi l-*multi-purpose court* ingħalaq minn naħa tal-passaġġ. Minkejja dan, il-faċilità xorta waħda għadha tintuża minn għaqdiet sportivi. Biex jiġi evitat il-periklu huwa ssuġġerixxa li l-*fence* għandu jitkompla mal-kumplament tal-*court*.

5.10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta fil-minuta preċedenti.

5.10.4. Is-Sindku G. Micallef għarraf li għaddejjin kuntratti mal-perit konċernat sabiex jiġi finalizzat il-*bill of quantities* tax-xogħlijiet meħtieġa fuq il-*multi-purpose court*, kif approvati mill-Kunsill aktar qabel. Huwa aċċenna wkoll għat-tneħħija tal-i*skateboard ramp*, kif ukoll għall-possibiltà li din tiġi mibdula ma’ oħra li jista’ jipprovdi il-Kunsill Reġjonali.

## 5.11.1. Inizjattivi dwar l-integrazzjoni soċjali (I/3)

5.11.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li fl-20 ta’ Awwissu 2024, huwa flimkien mal-uffiċjal M. Gambin kellhom laqgħa mad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Integrazzjoni Soċjali. Huwa spjega li d-Direttorat lest jappoġġja lill-Kunsill fit-tnedija ta’ inizjattivi varji fil-komunità li jippromwovu l-integrazzjoni soċjoali. Dan billi aktar ma jmur qed jiżdiedu l-persuni barrani li ġew joqgħodu fil-lokalità. Huwa elenka numru ta’ proposti, li kemm-il darba jiġu mplimentati jinħoloq rapport kordjali bejn il-komunità barranija u r-residenti Maltin. Is-Sur Cauchi qal ukoll li jkompli l-kuntatti tiegħu mal-Fondazzjoni għal-Servizzi ta’ Ħarsien Soċjali fil-fergħa tagħhom tal-Qawra peress li f’San Pawl il-Baħar diġà ġie mniedi proġett ta’ dan it-tip.

5.11.3. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattivi msemmija.

**5.12.1. Traġitt ta' vetturi kbar f'Dawret it-Tunnara** **(T/3/2/Vol IX)**

5.12.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Awwissu 2024, mibgħuta mill-Awtorità tal-Artijiet, fejn intqal li saret spezzjoni minn uffiċjali tal-istess Awtorità u nstab li s-soqfa ta' dawn il-*boathouses* saritilhom ħsara konsiderevoli, li primarjament ġiet ikkawżata bit-traġitt ta' vetturi kbar. Għaldaqstant intalab li jitwaħħlu mmedjatament tabelli li jipprojbixxu t-traġitt ta' vetturi itqal minn tliet tunnellati.

5.12.3. Qam l-argument li t-twaħħil tat-tabelli waħdu mhux miżura effettiva biżżejjed biex ma jgħaddux iktar vetturi kbar minn fuq il-soqfa tal-*boathouses*, u hekk ma jkunx intlaħaq l-għan mixtieq. Minkejja dan, kien hemm qbil li għandu jkun hemm xi forma ta' twissija qabel wieħed jasal għall-parti in kwistjoni sabiex jiġi evitat li sewwieqa ta' vetturi kbar ikollhom ireġġgħu lura. Kien deċiż li għandu jinkiseb il-parir minn Transport Malta sabiex jitwaħħlu tabelli fi:

- Triq it-Trill k/m Qarnit;
- Dawret it-Tunnara k/m Triq it-Trill;
- Triq it-Tumbrell k/m Triq l-Arżnell; u
- Dawret it-Tunnara k/m Triq l-Arżnell k/m Ix-Xatt Ta' Santa Marija.

**5.13.1. Kontribut fil-Festa tal-Manikata** **(S/6/Vol VII/)**

5.13.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Awwissu 2024, mibgħata mill-Kumitat tal-Festa u Għaqda tar-Residenti tal-Manikata, fejn appellaw lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-istess avveniment billi jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-banda li jammontaw għal €1,400. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li apparti din il-korrispondenza, saret laqgħa mal-entitajiet imsemmija

5.13.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi mil-lat kulturali fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.14.1. PA 5632/24 – Tfassil ta' pjan ħollistiku dwar it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa** **(T/4/10/Vol VI)**

5.14.2. Saret referenza għal applikazzjoni mressqa lill-Awtorità tal-Ippjanar mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex jiġu organizzati l-imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa bl-inklużjoni ta' spazzji ġodda għall-istess għan. Ir-rapport tal-perit applikanti jindika illi l-intenzjoni hija li wara r-riġenerazzjoni tal-pjazza, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu qed tara li jkun hemm il-moviment pedonali ma jiġix imxekkel, filwaqt li tibqa' għaddejja l-attività kummerċjali. Biex tissimplifika l-ipproċessar ta' talbiet ġodda, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu qed tindika spazji speċifiċi għat-tqegħid taimwejjed u siġġijiet. B'dan il-mod, applikanti prospettivi jkunu jistgħu jressqu applikazzjoni waħda u b'hekk ma jibqax meħtieġ li jsiru talbiet separati lit-tliet entitajiet konċernati. Kien spjegat li l-proposta tinvolvi żewġ strixxi fuq iż-żewġ naħat tal-pjazza – waħda tibda minn Triq San Pawl sat-tarf tal-parapett qrib Triq il-Parroċċa, interotta bi dritt Triq il-Madonna tal-Għar u oħra li tibda minn mal-appoġġ tad-Dar Parrokkjali sar-rokna ta' fuq tal-misraħ.

5.14.3. Is-Sindku G. Micallef wera d-diżappunt tiegħu li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu ma kkonsultatx mal-Kunsill qabel ġiet sottomessa din it-talba. Huwa qal ukoll li k daqshekk sensittiva titlob li jkun hemm anke konsultazzjoni aktar wiesgħa mar-residenti u l-pubbliku in ġenerali.

5.14.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-pjan m'għandux ikun limitat għall-Misraħ il-Parroċċa biss, iżda għandu jinkludi wkoll Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u postijiet oħra fil-madwar li għandhom potenzjal għal dan it-tip ta' stabbilimenti. Huwa qal li l-Kunsill għandu jesprimi l-pożizzjoni tiegħu, bil-għan li jiġi msejjaħ meta l-applikazzjoni tkun qed tiġi diskussa mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.14.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunasill ilu jiddiskuti li jkun hemm master plan u għalhekk jaqbel fil-prinċipju li jkun hemm wieħed. Għaldaqstant ir-rappreżentazzjoni li ssir mal-

Awtorità tal-Ippjanar m'għandhiex tkun forma ta' oġġezzjoni. Huwa qal li l-Kunsill għandu jagħti l-kontribut tiegħu biex dan jiġi jkun jirriflett l-esiġenzi tal-misraħ, għaliex mingħajru xorta waħda jista' ikun hemm applikazzjonijiet għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġiet, irrispettivament jekk ikunx hemm pjan jew le.

5.14.6. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandha tintalab laqgħa mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u ssir konsultazzjoni pubblika.

**5.15.1. Ħajt li jżomm Triq J. Kepler (D/3/1/Vol XII**

5.15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar is-suġġett t'hawn fuq fis-Seduta Nru. 57 tat-Tmien Kunsill tat-28 ta' Novembru 2023, meta kien ġie deċiż li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-aġenzija Infrastructure Malta, fejn jintalbu jiddikjaraw li bl-intervent li sar minn naħa taghhom huwiex garantit li l-ħajt ma jiġġarafx. Is-Sur E. Bartolo talab li l-aġenzija għandha tintalab aġġornament dwar il-każ.

5.15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.16.1. Wirja tal-arti mtella' minn Art Club 2000 (S/6/Vol IV)**

5.16.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Awwissu 2024, mibgħuta mill-Art Club 2000, fejn intqal li l-għaqda ser torganizza wirja ta' arti kollettiva fil-jiem ta' qabel il-Festa tal-Vitorja fi Triq San Publiju.

5.16.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta' €450, fl-ispirtu tal-artiklu 63A u 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.17.1. Kontribut fil-kunċert mużikali mtellgħa flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VII/)**

5.15.4. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Awwissu 2024 mibgħata mill-Kumitat tal-tal-għaqda msemmija, fejn appellaw lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-istess avveniment billi jagħmel tajjeb għall-parti mill-ispejjeż marbuta mas-sigurtà tal-avveniment bħalma huma servizz mogħtija mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

5.17.2. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi mil-lat kulturali fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.18.1. Dħul ta' ilma fil-*boathouses* mix-Xatt ta' Santa Marija (D/3/1/Vol XII)**

5.18.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ffurmaw fi xquq fil-wiċċ tax-Xatt ta' Santa Marija li qed jikkawwżaw dħul ta' ilma fil-boathouses li hemm taħt.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li saret ordni lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Seduta tal-Kunsill Reġjonali tal-25 ta' Lulju 2024 (R/5)**

5.19.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-seduta msemmija, fost materji oħra, il-Kunsill Reġjonali ddiskuta s-suġġett segwenti:

- Terminazzjoni tal-Iskema dwar Attivitajiet Kulturali;
- Servizzi professjoni ta' avukat, *accountant* u perit; u
- Nuqqasijiet fis-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku u ħruġ ta' *default notice*.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Traġitt ta' vetturi kbar mill-Manikata** **(T/3/2/Vol XVII**

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-volum ta' traffiku li qed tieħu l-Manikata u ppropona li jintalab is-servizz tal-LESA biex vetturi kbar li m'għandhomx għaliex jieqfu fil-Manikata jiġu pprojbiti milli jgħaddu minn dan ir-raħal. Huwa ppropona li miżura fit-tul għandha tkun l-introduzzjoni ta' *controlled vehicular access* (CVA) fi Triq il-Biedja, Triq il-Wilġa, u Triq il-Mellieħa.

5.20.3. Il-Kunsill innota l-proposta u osserva li trid aktar diskussjoni, inkluż ma' Transport Malta bħala awtorità regolatorja.

**5.21.1. Kostruzzjoni ta' toroq ġodda** **(T/4/7/Vol III)**

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li għaddejjin kuntratti mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Infrastructure Malta dwar it-tkomplija ta' Triq il-Peprin. Huwa għarraf li wara l-ispustjar tal-mains tal-ilma mill-Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma, Infrastructure Malta ser tibda x-xogħol fuq Triq it-Tabib Joseph Grech. Ġie anke indikat il-kuntrattur inkarigat biex iwettaq dan il-proġett.

5.22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Ingaġġ ta' impjegat fi Skala 15** **(P/7/1/ Vol IX)**

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li wara s-sejħa li saret fil-media soċjali, kien hemm 17-il persuna li bgħatu l-*curriculum vita* tagħhom, filwaqt li kien hemm disa' biss li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti dwar Riżorsi Umani (Gvern Lokali). Huwa ppropona li dawn jiġu ntervistati fl-ewwel opportunità possibbli minn Bord tal-Għażla.

5.23.3. Il-Kunsill approva.

**5.24.1. SPI/SCI/3/2024 - Clean Up the World Campaign 2024** **(T/6/1/Vol IV)**

5.24.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri aċċenna għall-iskema SPI/SCI/3/2024 dwar il-Clean Up the World Campaign 2024. Is-Sur Borg Cuschieri informa lill-membri preżenti li ser jitlob kopja tal-applikazzjoni sabiex ikunu jistgħu jibdew it-tħejjijiet sabiex dawn l-inizjattivi elenkati fl-applikazzjoni jkunu jistgħu jitwettqu. Ippropona li l-attività marbuta mal-kampanja msemmija ssir nhar is-Sibt 28 ta' Settembru 2024 bejn it-08:00 u l-11:00 am, qrib it-Torri l-Aħmar fi Triq tad-Dahar.

5.24.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-applikazzjoni taħt l-iskema msemmija saret bl-approvazzjoni tal-Kunsill preċedenti fis-Seduta 62 tal-24 ta' Mejju 2024.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta skont il-minuta 5.24.2.

**5.25.1. Servizzi mogħtija mill-*Malta Rangers Unit*** **(W/3/Vol XI)**

5.25.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Malta Rangers Unit ser jestendu l-operat tagħhom billi jidħlu fuq żoni urbani bil-għan li jiġu mrażżna abbużi bid-depożitu ta' skart domestiku barra mill-ħinijiet u ġranet mhux skont il-liġi jew f'postijiet fejn mhux suppost. Ikkummenta li dan is-servizz huwa utli fin-nuqqas ta' kontribut mill-LESA u mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi. Għaldaqstant ser issir laqgħa mal-MRU sabiex jiġu diskussi d-dettalji.

5.25.3. Is-Sur Borg Cuschieri kkonkluda billi qal li l-pass li jmiss li għandu jiskatta l-Kunsill huma l-formazzjoni tas-sotto kumitati fi ħdanu.

5.25.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.26.1. Tagħmir għaċ-Ċentru Anzjanità Attiva** **(A/1/2/Vol VII)**

5.26.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li d-direzzjoni taċ-ċentru msemmi appellaw għall-kontribut tal-Kunsill sabiex jinxtraw *projector* u *screen* bil-għan li jintużaw waqt l-attivitajiet li jittellgħu fl-istess ċentru.

5.26.3. Il-Kunsill qabel li jikkontribwixxu u għaldaqstant għandhom jintalbu stimi bil-għan li jinxtara t-tagħmir mitlub.

**5.27.1. Ħajt tas-sejjieħ imwaqqa fi Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad** **(D/3/1/Vol XII)**

5.27.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni għall-ħajt tas-sejjieħ li ġġarraf fi tliet postijiet differenti fit-Triq tar-Ramla tat-Torri l-Abjad. Huwa ppproponiet li dan jiġi rranġat.

5.27.3. It-tieħdet nota sabiex isir il-manutenzjoni meħtieġa.

**5.28.1. Sessjonijiet ta' tagħlim f'diversi suġġetti** **(E/3/1/9/Vol III)(E/3/5)**

5.28.2. Is-Sinjura L. Darmanin għarrfet li hija għamlet l-ewwel kuntatti ma' St John's Ambulance & Rescue u St Bernard's Safety Training Centre dwar il-possibilità li l-Kunsill Lokali jorganizza korsijiet fl-ewwel għajnuna u fl-użu tat-tagħmir tal-AED *(Automated External Defibrillator)*. Hija qalet ukoll li avviċinat lill-*fitness instructor* Ms Antonella Vella dwar il-possibilità li jsiru taħditiet fuq in-nutrizzjoni u l-attività fiżika fis-sala tal-Kunsill. Is-Sinjura Darmanin ikkummentat li dawn it-taħditiet kienu saru qabel b'attendenza sodisfaċenti. Kien hemm qbil li dawn it-taħditiet għandhom jerġgħu jsiru.

5.28.3. Is-Sinjura Darmanin għarrfet ukoll li tkellmet mal-kordinattriċi tal-Eco Market Malta dwar il-possibilità li jsiru korsijiet intiżi sabiex jagħtu appoġġ liż-żgħażagħ li jħossuhom waħedhom. Semmiet ukoll inizjattiva ġdida *"Ballet Classes for the Elderly"* u qalet tkun ħaġa tajba jekk din l-inizjattiva ssir anke fil-Mellieħa.

5.28.4. Hija għarrfet li l-Kunsill intalab jospita kors tal-psikologija għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru Anjanità Attiva tal-Mellieħa. Hija qalet li dan jista' jsir fis-sala tal-Kunsill minħabba nuqqas ta' spazju fiċ-ċentru.

5.28.5. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li jista' ma jkunx possibbli li tintuża s-sala tal-Kunsill minħabba xogħol ta' rinovat li jrid isir fiha.

5.28.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa, kif ukoll li jinstab post alternative, kemm il-darba jkun meħtieġ.

**5.29.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq il-Manikata** **(T/3/2/Vol VII)**

5.29.2. Is-Sindku G. Micallef ippropona li Triq il-Manikata tinbidel għal *one-way* fid-direzzjoni lejn Triq il-Wilġa u Triq il-Kappella tal-Militar. Traffiku fid-direzzjoni opposta jista' jgħaddi minn Trejqet il-Ħarrub.

5.29.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

**5.29.1. *RIGHTS (Regional Interactive Guiding Hub & Training Society)*** **(T/11)**

5.29.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-*Malta Foundation for the Wellbeing of Society*, taħt it-tmexxija tal-President ta' Malta Emeritus Marie Louise Coleiro, ser tkun qed tagħti taħriġ lill-membri eletti u l-istaff tal-Kunsilli Lokali fil-partecipazzjoni u s-salvagwardja tat-tfal. Id-dati tas-sessjonijet li jiġu mħabbra aktar 'il quddiem.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.30.1. Ħatra ta' *kap tal-Iskola Primarja ġdid*** **(S/3/1)**

5.30.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-Sur Raph Camilleri huwa l-kap il-ġdid tal-iskola primarja tal-Mellieħa.

5.30.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Manutenzjoni fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji** **(C/7)**

5.31.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fiċ-ċimiterju Sultana tal-Vittorji ser jinbiddlu xi xorok ma' oħrajn ġodda, kif ukoll ser isir tindif tal-oqbra, u xogħol ta' żebgħa.

5.31.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.32.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm** **(M/8/Vol VI)**

5.32.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fl-aħħar żjara li saret mill-*Mobile Blood Donation Unit* fil-Mellieħa nġabru 47 borza demm. Hija qalet ukoll li ż-żjara li jmiss ser issir f'Jannar 2025.

5.32.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.33.1. Siltiet letterarji moqrija fil-Lejla Selmunija** **(A/5/3/5/Vol XII)(P/3/5)**

5.33.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin issuġġeriet li l-kitbiet li nqraw waqt il-Lejla Selmunija li saret fit-2 ta' Awwissu 2024 bħala parti mill-Iljieli Melleħin, għandhom jiġu ippubblikati f'forma ta' ktieb.

5.33.3. Il-Kunsill innota l-proposta.

**5.34.1. Premju Anzjanità Attiva** **(N/1/Vol IV)**

5.34.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferiet għal imejl datat 22 ta' Awwissu 2024, mibgħut mill-Diviżjoni tal-Anzjanità u Attiva u Kura fil-Komunità, fejn għarfu li ser jikkonsidraw nomini għall-għoti tal-premju msemmi taħt diversi kategoriji. In-nominazzjonijiet jgħalqu fit-8 ta' Settembru 2024.

5.34.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.35.1. Tnaqqis ta' *bus shelter* fl-Għajn Tuffieħa** **(B/6/Vol VI)**

5.35.2. Il-Kunsilliera C Castillo pproponiet li l-Kunsill jagħmel pressjoni fuq Infrastrutture Malta u Faces Consultants Ltd sabiex jerġa' isir l-*bus shelter* li tneħħa minn Għajn Tuffieħa minħabba x-xogħlijiet li saru minn Infrastructure Malta riċentament.

5.35.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-*bus shelter* tneħħa temporanjament sabiex jiġi spusstjat f'post ieħor skont ma jitlob l-arranġament il-ġdid, li għadu għaddej ix-xogħol fuqu.

**5.36.1. Parteċipazzjoni ta' *reenactors* Maltin fil-Festival Medjevali f'Agia Napa (K/1/5/4)**

5.36.2. Il-Kunsillier Emvin Bartolo rrefera għal imejl datat 9 ta' Awwissu 2024, mibgħut mis-Sindku ta' Agia Napa Christos Zannetou, fejn saret talba lill-Kunsill tal-Mellieħa sabiex javviċina organizazzjonijiet lokali li normalment jieħdu sehem fl-Imdina Medieval Festival sabiex dawn jiġu mħeġġa jipparteċipaw fid-19-il edizzjoni tal-Agia Napa Medieval Festival. Is-Sur Bartolo qal li fil-fatt huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-uffiċjal M. Gambin diġa' kellhom laqgħa ma' diriġenti tal-għaqda *Shows of Arms,* iżda sfortunatament ma jistgħux

jilqgħu din l-istedina minħabba impenji oħra fl-istess dati barra minn Malta. Kuntratt simili ser isir ma' għaqda oħra - Project Lazarus. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li ttieħdet din l-okkażjoni sabiex il-Kunsill juri x-xewqa tiegħu li jorganizza ċerimonja f'għeluq il-ħmistax-il sena mill-iffirmar ta' ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Agia Napa, possibilment f'Settembru jew Ottubru 2024.

5.36.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll il-proposta mressqa fil-minuta preċedenti.

**5.37.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-festi titolari tal-Manikata u l-Mellieħa**
**(F/2/Vol)(F/2/1)**

5.37.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li saru laqgħat b'rabta mal-Festa tal-Vitorja 2024 mal-istabbilimenti kummerċjali li jarmaw imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa, fi Triq Sant'Anna u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa qal li ż-żewġ laqgħat kienu l pożittivi, filwaqt li l-operaturi kienu lesti jikkoperaw u jimxu mal-istruzzjonijiet mogħtija.

5.37.3. Is-Sur E. Bartolo spjega wkoll dwar l-arranġamenti tat-traffiku li ser ikun hemm fis-seħħ f'lejlet il-Vitorja meta ser ikun hemm pontifikal solenni fil-Knisja Arċipretali. Aċċenna wkoll ukoll għall-arranġamenti tat-traffiku temporanji li daħlu fis-seħħ matul il-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata, fejn it-triq ta' wara Ġnien iż-Żerniq intużat biex it-traffiku jgħaddi fiż-żewġ direzzjoni, bl-assistenza tal-Pulizija u l-Uffiċjali tal-Komunità tal-LESA. Dan l-arranġament ħadem tajjeb filwaqt li ma ngħalqu l-ebda toroq.

5.37.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono staqsa dwar jekk għandux jinħareġ permess temporanju għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi Triq Adenau fil-jiem tal-Festa tal-Vitorja, kif sar fi snin oħra.

5.37.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll ma approvax li jintramaw imwejjed u siġġijiet fi Triq Adenau oltre dawk koperti bil-permess permanenti.

**5.38.1. *Notice boards* bir-reklami fit-toroq** **(T/4/3/Vol II)**

5.38.2. Il-Kunsilliera C Castillo għarrfet li hija ġiet ikkuntattjata mill-kumpanija lokali Finix Media li qed jieħdu ħsieb iwaħħlu *notice boards* diġitali fil-lokalitajiet. Mill-informazzjoni li hija ngħatat, il-Kunsill Lokali jingħata s-somma ta' €2,000 f'reklamar għal kull *notice board* diġitali li titwaħħal fil-lokalità. Il-kumpanija tieħu ħsieb ir-reklamar kollu li jsir, filwaqt li l-Kunsill Lokali jkun responsabbli mill-permessi neċessarji sabiex dawn ikunu jistgħu jitwaħħlu.

5.38.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jinġiebu aktar dettalji dwar is-siti, kif ukoll il-konsum tal-elettriku.

**5.39.1. Laqgħa mal-komunità kummerċjali** **(K/10)**

5.39.2. Il-Kunsilliera C. Castillo pproponiet li ssejjaħ laqgħa mal-komunità kummerċjali tal-Mellieħa, u għal dan il-għan tixtieq li l-Kunsill ikollu lista aġġornata tal-istabbilimenti kummerċjali kollha li jeżistu fil-lokalità.

5.39.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-Kunsill għandu lista, iżda jista' jkun li jkollha bżonn tiġi aġġornata.

**5.40.1. Faċilità għaż-żamma tal-qtates fl-Irziezet ta' Selmun** **(A/5/3/Vol XIII)**

5.40.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nkiseb mingħajr ħlas tagħmir tal-arja kkundizzjonata sabiex jitpoġġa fil-kamra fejn jinżammu temporanjament qtates trattati f'kamra fil-kumpless tal-irziezet imsemmija.

5.40.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li dan it-tagħmir huwa portabbli.

5.40.4. Il-Kunsill innota din l-għotja b'sodisfazzjon.

**6.1. Kuntratt dwar is-servizz ta' tindif ta' toroq urbani** **(T/4/5/Vol IV)**

6.2. Is-Segretarju C. Debono għarraf li fit-22 ta' Lulju 2024 saret laqgħa dwar l-abbozz tal-ftehim dwar it-tindif ta' toroq urbani mgħoddi lill-Kunsill preċedenti mid-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni. Fil-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku G. Micallef, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri, il-Kunsillieri E. Bartolo u J. Buttigieg, kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-Uffiċjal M. Gambin. Il-Kunsill rreveda dan l-abbozz fid-dawl tal-esiġenzi tal-lokalità, li kopja tiegħu ġiet mqassma qabel is-seduta. Il-Kunsill ġie mfakkar li l-ftehim attwali ser jiskadi fl-aħħar ta' Settembru 2024.

6.3. Il-Kunsill ra l-abbozz u qabel li għandu jiġi mgħoddi lid-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni qabel issir laqgħa mad-diriġenti tal-istess Diviżjoni. B'dan il-mod il-Kunsill ikun f'pożizzjoni jiddeċiedi wara li jiġi stabbilit jekk id-Diviżjoni hijiex disposta li tosserva l-kundizzjonijiet proposti mill-Kunsill.

**7.1. Andament tal-Iljieli Melleħin 2024** **(A/5/3/5/Vol XII)**

7.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg rrefera għall-minuta 6.2. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-kontenut tas-serata tat-2 ta' Awwissu 2024 li saret f'Selmun bħala parti mill-Iljieli Melleħin ma' ġiex diskuss, u għalhekk kien qed joġġezzjona għall-ħlasijiet marbuta miegħu. Huwa qal li dan jista' jiġi verifikat mar-*recording* tas-seduta.

7.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li fejn kien hemm l-anzjani fl-attivitajiet li saru Selmun, kien hemm nuqqas ta' dawl.

7.4. Is-Sindku G. Micallef qal li mhux dejjem ikun possibbli li d-dettalji kollha tal-programm jiġi diskussi waqt is-seduta tal-Kunsill, kemm għaliex kienu għadhom għaddejjin kuntatti mal-artisti, kif ukoll minħabba l-fatt li s-sedut jsiru darba fix-xahar. Huwa kkummenta li minkejja dan, fit-13 ta' Lulju 2024 saret laqgħa nformali apposta għall-membri kollha tal-Kunsill biex jiġi diskuss il-programm tal-Iljieli Melleħin, fejn anke ġew assenjati nkarigi lill-kunsillieri preżenti dwar id-diversi attivitajiet li żvolġew waqt it-tliet serati. Huwa ħa l-opportunità biex jirringrazzja lill-istaff tas-segretarjat tal-Kunsill li ħadmu qatieħ biex l-attivitajiet ittellgħu fi żmien daqshekk qasir u kienu ta' success.

**8.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Ġunju 2024** **(F1/1/Vol IV)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Ġunju 2024 kien jammonta għal €745,652, li jikkonsisti f'€694,054 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €48,342 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, u €3,256 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

8.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€135,096 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €3,135,387. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €3,083,342, Inventarji (*Stocks*) €14,792, u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, illi ammontaw għal €37,253.

8.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti naqsu minn €1,733,274 għal €1,541,680. Dawn kienu magħmula kollha minn Ammonti Pagabbli.

8.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €710,925 u tikkonsisti minn €104,587 fuq Pagi, Onorarji u *Allowances*, €447,059 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €32,162 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi permanenti ġie kkalkulat għal €127,117.

8.6. Kien spjegat li mill-bidu tas-sena rriżulta *surplus* ta' €34,728. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja żdied bi 2% fuq it-trimestru preċedenti u laħaq 115%. Huwa stabbilit li amministrazzjoni għandha tagħmel ħilitha biex iżżomm proporzjon ta' 2:1 bejn l-assi kurrenti u l-obbligazzjonijiet kurrenti.

8.7. Il-valur fiss tal-assi permanenti akkwistati minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €123,206, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €10,720,949, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,683,692, sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

8.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

9.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 2 ta' Awwissu 2024.

9.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn id-9 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu 2024.

9.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fid-9:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2024 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |